MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 96

**It-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 96.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**96.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sur Horace Anastasi kien indispost u għaldaqstant ma setax ikun preżenti. F'dan ir-rigward is-Sur Anastasi ġie skużat skont l-Ordni Permanenti 14 A (3). Is-Sindku nforma wkoll li l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ huwa indispost.

## 96.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**96.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 95 (ħamsa u disgħin) li saret fit-8 ta'Ottubru, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 96.2.1 Korrezzjonijiet

96.2.1.1 Minuta 95.2.1.2 – minflok **patecipazzjon**i issir **parteċipazzjoni.**

## 96.3 Punti mqajma mill-minuti

**96.3.1** Minuta 95.3.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Perit qiegħed jistenna mingħand il-Perit tas-Sur Pawlu Vella sabiex ikollu ic-certifikazzjoni mingħandu li l-istruttura tal-bieb m'għadiex ta' periklu. Wara li jkollna din iċ-ċertifikazzjoni ssir laqgħa mas-Sur Vella u naraw jekk għandux interess li jgħaddli dan il-bieb lill-Kunsill.

Il-membri qablu unanimament.

**96.3.2** Minuta 95.3.5 – Is-Sindku nforma lill-membri li qiegħed jistenna mingħand is-Superitendent sabiex issir laqgħa kordjali oħra. Apparti minn hekk is-Sindku nforma lill-membri li kienet għadha kemm waslet korrispondenza mingħand l-operaturi fuq il-ħatt tal-containers fejn fost ħafna affarijiet allegaw li qatt ma saret laqgħa ta konsultazzjoni u dan jikkontrasta bil-bosta għad-diversi laqgħat li filfatt kienu saru uħud minnhom anke għalihom.

Ġie nnutat li l-kaxxa tal-Loading/unloading bay qed tieħu spazju ta' żewġ vetturi minflok ta' tlieta. Wara diskussjoni kien hemm qbil li jsiru żewġ tabelli ta' *No Parking* bejn id-9.00am u 1.00pm.

Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jipprovdi tabelli għal waqt il-ħatt li jindikaw *No entry except for Residents or to Render a Service*.

Il-membri qablu unanimament.

**96.3.3** Minuta 95.3.6 - Is-Sindku qal lill-membri li l-ġbir tal-iskart organiku skatta u ħafna huma dawk ir-residenti li qed jikkoperaw. Apparti minn hekk, ġie suġġerit li jsiru flyers bl-iskeda tal-ġbir min-naħa u kif jitqassam l-iskart fuq in-naħa ta' wara sabiex b'hekk jitqassmu f'kull residenza.

Il-membri qablu ma dan u ġie deċiż li dan ix-xogħol jingħata lil waħda mill-għaqdiet.

**96.3.4** Minuta 95.6.1 – Is-Sindku nforma lill-Membri li x-xogħol fuq l-iskudett tlesta u issa waslet ukoll ic-certifikazzjoni minghand il-Perit wara lix-xogħol kien ukoll certifikat mingħand it-Taqsima tal-Heritage Planning. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li l-inawgurazzjoni tal-proġett ser ikun fl-14 ta' Novembru, f'Jum santa Venera.

Il-membri qablu unanimament.

**96.3.5** Minuta 95.3.10 - Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti l-aħħar żviluppi fuq l-attivita *Notte da Venerare*. Is-Segretarju nforma lill-membri dwar il-program li ser isir is-Sibt 22 ta' Diċembru f'żewġ pjazzez f'Misraħ Santa Venera fejn ser issir l-attivita u fi Triq Patri Ġwann Azzopardi fejn ser ikun hemm attivitajiet għat-tfal. Wara disjussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li għal din l-attivita tinġieb Band rinomata u għaldaqstant is-Sindku ppropona sabiex il-baġit għal din l-attivita' jiżdied għal €15k minflok €12k (VAT mhux inkluż).

Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex isiru posters tal-attivita' min-naħa u kalendarju tas-sena 2019 min-naħa l-oħra u jitqassmu madwar id-distrett biex b'hekk tkun qed tingħata ukoll il-pubbliċita'.

Is-Sur Jonathan Brimmer issekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**96.3.6** Minuta 95.6.2 – Is-Sindku nforma lill-membri lit-Tender tal-Knis ġie aġġudikat mill-Bord u d-Deputat Segretarju qara ir-rapport tar-rakkomandazzjoni. Id-Deputat Segretarju nforma lill-membri lir-rapport joħroġ awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tender. Ir-rapport ikklassifika lill-Offeranti kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Rocco Mifsud | 000101115 | 93.01% |
| 2 | Owen Borg | 000101095 | 92.79% |
| 3 | Christopher Bezzina | 000101114 | 92.28% |
| 4 | Waste Collection Limited | 000101136 | 91.35% |
| 5 | Saviour Galea | 000101098 | 88.16% |
| 6 | Premier Business Limited | 000101129 | 85.68% |
| 7 | WM Environmental Ltd | 000101135 | N/A |

F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona lis-Sur Rocco Mifsud bhala l-offerant li rebaħ din it-tender. Is-sur Jasom Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**96.3.7** Minuta 95.6.3- Is-Sindku nforma lill-membri li l-Ghaqdiet kienu kollha infurmati hekk kif kien suġġerit u sal-Laqgħa kien ghadna ircivejna biss minghand żewġ Ghaqdiet u għaldaqstant ser ngħatu ċans sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sabiex naraw min huma dawk interessati. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-ftuħ u l-egħluq jibda jsir mill-Għaqdiet minn Jannar 2019.

Il-Membri qablu unanimament.

.

**96.3.8** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| Ilment 324 | Għandu jsir kif qed ikun suġġerit mill-Contracts Manager |
| Ilment 333 | Ninfurmaw lill-Planning Authority |
| Ilment 336 | Għandu jsir kif qed ikun suġġerit mill-Contracts Manager |

F'dan l-istadju (6.45pm) is-Sindku talab is-sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss punt 96.6 tal-Aġenda – Items oħra ta'xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġ.

Il-Membri qablu unanimament

## 96.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

96.6.4 Ftehim dwar ir-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ

Hekk kif il-membri kienu qablu fil-laqgħa preċedenti is-Sur Ahmed Amer id-Direttur Manigerjali tal-Kumpanjia Malta Textile Recycling attenda għal din il-laqqgħa sabiex il-Membri jkunu jistgħu jistaqsu u jidduskutu miegħu l-proposti li kien għamel lill-kunsill sabiex jinġabru l-ħwejjeġ qodma jew użati. Wara diskussjoni twila il-Kunsill qabel sabiex jibda jinġabru l-ħwejjjeg dar dar kull l-aħħar Ġimgħa ta' kull xahar. Dan is-servizz jiskatta mill-aħħar Ġimgħa ta' Jannar 2019. Ġie rrimarkat ukoll sabiex xorta waħda jitpoġġew il-kontenituri tal-iskart tal-ħwejjeġ. Apparti minhekk il-partijiet qablu sabiex dan il-Kuntratt ikun għal sena u jiġi rivedut kull sena.

Is-Sindku ppropona dan is-servizz, is-Sur Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-kumplament tal-membri qablu unanimament.

96.6.3 **Rendikont finanzjarju Lulju -Settembru 2018**

Is-Sur Michael Debono spjega fid-dettal ir-rendikont finanzjarju bejn Lulju u Settembru 2018. Kienu diskussa il-*Financial Committments* li jirrigwardaw il-proġetti kapitali li ser isiru fil-futur qarib.

Il-Membri qablu unanimament u r-rapport finanzjarju ġie approvat hekk kif moqri.

**96.6.1 Bord għat-Tender tat-Transposrt tal-Anzjani – Ċentru Matul il-Jum**

Is-Sindku nforma lill-membri li t-tender tat-transport tal-anzjani huwa miftuħ u għaldaqstant meta tingħalaq tkun trid tiġi aġġudikata u għadaqstant is-Sindku ppropona li fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni jkun hemm is-Sur Jason Mangani, is-Sur Darren Carabott u s-Sur Kenneth Brincat.

Il-Membri qablu unanimament.

**96.6.2 Tiżjin tal-Milied**

Is-Sindku nforma lill-membri li għandna l-kwotazzjonijiet tal-istima ta' armar ta' dawl dekorattiv fejn iż-żoni li ser jiġu armati huma:

- Triq il-Kbira San Guzepp mir-roundabout ta' fejn il-BOV sa Triq it-Turretta, St Venera – (Fustun + Disinn mal-akwadott)
- Triq il-Kbira San Ġużepp minn fejn Triq it-Turetta sa fejn il-Barun Bar, St Venera (Fustun fuq kull naħa + 8-9 Disinji fin-nofs tat-triq imqassmin mat-Triq kollha) + 3 disinji tawwalin mal-arbli
- 2 anġli quddiem il-Knisja fi Triq il-Kbira San Ġużepp
- Misraħ Santa Venera - Fustun + Disinji tal-Milied
- Patri Ġwann Azzopardi - Fustun u Disinji tal-Milied

Il-Kunsill ġab tlett kwotazzjonijiet mingħand:

- is-Sur Joseph Grech - €2500
- C&G Street Lights Decorations - €2400
- is-Sur Francois Attard f- €3000.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona li għandna mmorru fuq l-irħas kwotazzjoni dik tal-Kumpanjia C&G Street Lights Decorations.

Is-Sur Brimmer ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

F'dan il-ħin is-Sur Darren Carabott ġie skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

**96.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

96.4.1 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar l-ikla tal-Milied issir il-Ħadd 16 ta' Diċembru, 2018 f'nofsinhar fejn il-post u kopja tal-menu ser tkun komunikata aktar tard.

96.4.2 Is-Sindku ppropona li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita ssir fis-16 ta' Diċembru 2018, fit-8.30am

## 96.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**96.5.1** Is-Sindku nforma lill-Membri tal-Kunsill li riċieva proposta sabiex isir tournament tal-futbol triangulari għall-youths U/19 li jkun organizzat mill-Kunsill Lokali Santa Venera bil-kollaborazzjoni ta' Santa Venera Lightnings FC. Fl-istess turnament ser jipparteċipaw ukoll Fgura FC u Għargħur FC. Dan ser isir l-Erbgħa 26 ta' Diċembru 2018 mis-2.00pm 'l quddiem fil-Ground ta' Santa Venera. Wara ssir preżentazzjoni lit-

timijiet u lil players. Il-Kunsill irid jaħseb għat-trophies, midalji u kif ukoll il-ħlas tar-*referee* u *linesmen*. Ġiet vvutata s-somma ta' massimu €350

Il-membri qablu unanimament

**96.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Danusan sabiex bejn l-1 t'April u l-5 t'April ikollhom il-Bongu Bus stazzjonata f'din il-lokalita' minħabba l-programm televiżiv tagħhom.

Il-membri qablu unanimament

**96.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Contracts Manager bagħat lill-Kunsill dikjarazzjoni fejn qiegħed jiddikjara li hu m'għandux konflitt ta' interess mal-ebda kumpanija oħra u jekk ser isir xi tip ta' allegazzjoni huwa ser jieħu passi legali fil-konfront ta' min ikun qed jallega fuqu.

**96.5.4** Is-Sindku ddiskuta mal-membri rapport dwar il-knis u l-ġbir tal-iskar madwar Santa Venera. Wara diskussjoni twila ġie deċiż lis-Segretarju għandu jsejjaħ lill-kuntrattur sabiex ikunu diskussa dawn il-problemi. Is-Sindku qal li l-aħjar ikunu preżenti għal din il-laqgħa l-Contracts Manager u is-Sur Silvio Vella

Il-membri qablu unanimament

**96.5.5** Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-pots l-imkissrin li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp f'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex nitkelmu mal-Contracts Manager sabieix dawn il-pots jerġgħu jinxtraw. Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill diġa gab il-kwatazzjoni mingħand Piscopo Gardens minn fejn kienu nxtraw fejn jidher li hemm bzonn:

- pots tal-concrete li kull waħda tiswa €95.60,
- is-siġra Pittosporum li tiswa €21.50
- ħamrija €10 għal kull pot.

Il-membri qablu unanimanment li dawn għandhom jinxtrw mill-ġdid għal spiża ta' €1,779.40c.

**96.5.6** Is-Sindku informa lill-membri dwar l-applikazzjoni tal-iskema finanzjarja - Lifelong learning 2018-19 fejn f'din l-iskema l-Kunsill jista' japplika sabiex tinxtara *projector* biex b'hekk din tkun tista tinituża għal waqt il-lezzjonijiet tal-Lifelong learning li qed isiru fil-Kunsill.

Il-membri qablu unanimament ma din il-proposta.

**96.5.7** Is-Sindku nforma lill-membri li fi ġnien Romeo Romano hemm bzonn li ssir latrina minħabba l-fatt li dawk li qed jiffrekwentaw u jmorru sa dan il-ġnien m'hemmx post fejn ikunu jistgħu jagħmlu l-bzonnijiet tagħħjom. Is-Sindku ppropona sabiex issir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiskatta dan il-proċess u l-Kunsill Lokali jkollu f'idejh il-BOQs.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri preżenti qablu unanimament.

**96.5.8** Is-Sindku nforma lill-membri li s-saqaf tat-Turetta qiegħed fi stat perikoluż dan meta l-Perit tal-Kunsill intalab sabiex imur jagħmel spezzjoni minħabba li l-ilma tax-xita baqa' miġbur fuq l-istess bejt. Il-Perit iċċertifika li dan is-saqaf irid jinbidel. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex issir l-applikazzjoni u jingiebu kwotazzjonijiet sabiex isir x-xogħol meħtieġ u jsir ukoll kuntatt ma Heritage Malta dwar dan il-każ.

Il-membri qablu unanimament

96.5.9 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva pjanti dwar il-possibilita li l-bankina ta' quddiem Cafe Pascucci fi Triq il-Kappillan Mifsud kantuniera ma Triq l-Omnibus titwessa sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-imwejjed mingħajr ma jinħoloq inkonvenjent lill-pedestrians. Wara diskussjoni, ġie nnutat li:

- diġa hemm approvazzjoni sabiex tinbidel il-bankina eżistenti
- trid issir konsultazzjoni mar-residenti tal-akwata
- wara jridu jinġiebu l-permessi tal-PA flimkien dawk ta' TM

## 96.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 96.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 96.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 454 sa 518.

| | |
|---|---|
| 454 | Xogħol sar |
| 465 | Ħaddiema Assenjati |
| 466 | Contract Manager biex jidentifika liema huma u wara tinħareġ WO lil Mica Med |
| 468 | Ma tistax issir |
| 472 | Contract Manager |
| 474 | Contract Manager |
| 475 | Contract Manager |
| 476 | Ġie nnutat li diġa hemm 2 fl-akwata |
| 477 | Contract Manager |
| 478 | Grima & Sons |
| 478 | 1. Grima & Sons<br>2. Xogħol sar |
| 480 | Transport Malta |
| 482 | Contract Manager - Ħaddiema Assenjati jnaddfu l-culverts |

| | |
|---|---|
| 485 | Ġardinar |
| 486 | TM |
| 487 | Contract Manager |
| 490 | Ser issir il-bankina ġdida |
| 493 | Contract Manager |
| 497 | Ħaddiema Assenjati |
| 503 | Nitkellmu mal-Perit sabiex niktbu lill-ERA sabiex dawn is-siġar jinbidlu ma oħrajn |
| 505 | Contract Manager |
| 508 | Central Asphalt |
| 509 | Central Asphalt |
| 513 | Ħaddied |
| 517 | Niktbu lill-TM biex issir possibilta ta' bollard |
| 518 | Transport Malta – napplikaw biss għall-*parking space* wieħed |

## 96.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għall- 10 ta' Diċembru, 2018, fil-5.30pm

Konfermati, illum 10 ta' Diċembru, 2018

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv